# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 4 TA' MEJJU 2001

Avviz Nru 1548/99DM

Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Fiona Camilleri sija bil-polza u sija bil-ligi

vs

Anthony Bartolo

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghal-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' sitt mija u disgha u hamsin lira u tlettax il-centezmu (LM659.13,0) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, bhala danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incidenti awtomobilistiku tal-14 ta' Dicembru 1998 fi Triq it-Turisti kantuniera ma' Triq Ghawdex, Qawra, limiti San Pawl il-Bahar bejn il-vettura numru IAH 608 misjuqa mill-konvenut u l-karozza numru FIO 176 misjuqa minn u proprjeta tal-assikurata Fiona Camilleri, meta il-konvenut baqa hiereg mill-Istop Sign biex jaqsam Triq it-Turisti, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu,

Bl-imghax legali mid-data tal-presentata tal-presenti Avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Marzu 1999 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tieghu a tenur tal-Kap. 104 tal - Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut li gie ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm il-konvenut ikkontesta t-talba attrici, huwa la pprezenta nota tal-eccezzjonijiet u lanqas ma pproduca provi biex jirribatti dak li jssostnu l-atturi.

Mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta abbondantement li kien il-konvenut li qasam it-triq principali minghajr ebda esplorazzjoni jew kawtela u habat mal-vettura assikurata mal-atturi li kienet qed tinsaq fit-triq principali u skond ir-regolamenti.

Ghalhekk il-konvenut kien unikament risponsabbli ghall-kollizzjoni 'de quo' u ghalhekk irid jghamel tajjeb ghad-danni rizultanti li, fejn jirrigwarda l-atturi, jammontaw ghal LM659.13 kif gie ppruvat mill-provi prodotti.

Ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna l-konvenut biex ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u disgha u hamsin lira u tlettax il-centezmu (LM659.13,0) in linea ta danni sofferti minnhom fl-incidenti awtomobilistiku tal-14 ta' Dicembru 1998 fi Triq it-Turisti kantuniera ma' Triq Ghawdex, Qawra, limiti San Pawl il-Bahar bejn il-vettura numru IAH 608 misjuqa mill-konvenut u l-karozza numru FIO 176 misjuqa minn u proprjeta tal-assikurata Fiona Camilleri, meta il-konvenut baqa hiereg mill-Istop Sign biex jaqsam Triq it-Turisti, ghal liema incident il-konvenut kien unikament risponsabbli.

Inoltre tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-imghax legali fuq is-somma ta LM659.13 b'effett mis-26 ta Ottubru 1999.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

…...............................................
Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 22